Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# X'inhi l-Aged Care Quality and Safety Commission (il-Kummissjoni tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)



**L-għan tal-Kummissjoni tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani hu li nipproteġu persuni li qed jużaw servizzi tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-Gvern Awstraljan.**

Meta tirċievi servizzi tal-kura tal-anzjani, int għandek id-dritt għal:

- dinjità u rispett
- kura sigura u ta' kwalità li tissodisfa l-bżonnijiet tiegħek

Aħna noffru għajnuna biex niżguraw li s-servizzi joffri l-aqwa kura possibbli u jwasslu servizzi skont l-iStejment tad-Drittijiet.

Nagħmlu dan billi:

- nirreġistraw lill-provvedituri biex iwasslu l-kura tal-anzjani
- niċċekkjaw li s-servizzi jissodisfaw l-iStandards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani
- niżguraw li l-provvedituri u l-ħaddiema jġibu ruħhom b'mod li jissodisfa l-Kondotta tal-Kodiċi tal-Kura tal-Anzjani
- ninvestigaw ilmenti dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani
- nitolbu li l-provvedituri jibdluhom jekk dawn ma jissodisfawx l-istandards jew ma jirrispettawx id-drittijiet tal-persuni
- niżguraw li l-provvedituri jimmaniġġjaw kif xieraq, il-miżati, kontribuzzjonijiet u l-fondi
- niżguraw li organizzazzjonijiet ġodda prospettivi tal-kura tal-anzjani jkunu adattati.
- ninvestigaw inċidenti serji
- nippubblikaw tagħrif dwar is-sejbiet tagħna
- nispjegaw xi tfisser kura tajba u x'għandek tistenna mis-servizzi.

Ix-xogħol tagħna jkopri l-biċċa l-kbira tas-servizzi tal-kura tal-anzjani imma ma jinkludix villaġġi tal-irtirar.

## Kif nistgħu ngħinuk?

L-Istejtment tad-Drittijiet jipproteġi d-dritt tiegħek biex tagħti l-kummenti tiegħek u tilmenta. L-iStejtment tad-Drittijiet ġie introdott fil-*Aged Care Act 2024 (L-Att tal-Kura tal-Anzjani tas-sena 2024)*, u dan l-iStejtment fih fuq fuq id-drittijiet li int għandek meta tuża s-servizzi tal-kura tal-anzjani.

Jekk għandek xi tħassib dwar il-kura tiegħek, int tista' ssaqsi lis-servizz tiegħek jaħdem miegħek biex jirranġah.

Is-servizz tiegħek irid jinkludi proċess li jipprovdi risposta għall-kummenti u l-ilmenti tiegħek. Huma għandhom jgħidulek x'qed jagħmlu biex isolvu t-tħassib tiegħek. Ma jistgħux iqisuk b'mod differenti talli tagħmel ilment.

Aħna għandna servizz bla ħlas tal-ilmenti. Int tista' tkellimna jekk mintix kuntent dwar kif il-provveditur irrisponda rigward it-tħassib tiegħek. Int tista' tistaqsi wkoll mistoqsijiet dwar is-servizz jew id-drittijiet tiegħek.

Aħna nistgħu ngħinu billi:

- nisimgħuk
- nagħtuk it-tagħrif li jgħodd għalik
- naħdmu miegħek u mas-servizz tiegħek biex insolvu t-tħassib tiegħek

Aħna nistgħu nippermettu lil xi membru tal-familja, ħabib tiegħek jew persuna li tista' titkellem għalik (avukatur) biex jikkuntattjawna għan-nom tiegħek. It-taħdita tista' tkun kunfidenzjali jew anonima jekk tippreferi dan.

Int tista' tikkuntattjana permezz tat-telefown, formola onlajn, imejl jew bil-posta.

## Minn fejn nista' nikseb aktar għajnuna?

Int tista' tistaqsi avukatur (persuna li titkellem għalik) indipendenti tal-kura tal-anzjani biex jgħinek. Avukatur jista':

- jgħinek tifhem id-drittijiet tiegħek
- jgħinek titkellem mas-servizz tiegħek dwar il-problema tal-kura tal-anzjani
- tqajjem ilmenti magħna
- issolvi l-problemi tiegħek dwar il-kura tal-anzjani

Tista' tikseb għajnuna bla ħlas u kunfidenzjanli billi żżur is-sit tal-web tal-Older Persons Advocacy Network (In-Network tal-Avukatura tal-Persuni Akbar fl-Età) jew billi ċċemplilna fuq **1800 700 600**.

**Stejtment tad-Drittijiet**
agedcarequality.gov.au/older-people/your-rights

**Kummissjoni tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani**
agedcarequality.gov.au/contact-us

**Kodiċi tal-Kondotta tal-Kura tal-Anzjani**
agedcarequality.gov.au/older-people/your-rights/aged-care-code-conduct

**Standards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani**
agedcarequality.gov.au/older-australians/your-rights/aged-care-quality-standards

**Sit tal-web tan-Netwerk tal-Avukatura tal-Persuni Akbar fl-Età**
opan.org.au

1800 951 822
agedcarequality.gov.au
Aged Care Quality and Safety Commission GPO Box 9819, fil-belt kapitali tiegħek

**Sib dan ir-riżors onlajn**

agedcarequality.gov.au/resource-library/what-aged-care-quality-and-safety-commission-fact-sheet